XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 44**
***Il-Ġimgħa 29 ta' Jannar, 2016***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| | Sur Domenic Zerafa | Viċi Sindku |
| | Sra Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| | Sur George Zammit | Kunsillier |
| | Sur Hubert Saliba | Kunsillier |
| **Uffiċjali:** | Sur Ruben Cassar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Intqgħalet it-Talba.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti Nru 41, 42 u 43 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

2. **Mill-Minuti**

**2.01** **Minuti 41 paġna 3 paragrafu 4:- Bring in Sites fi Triq Widnet il-Baħar -** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet kif il-Bring in Sites għadhom ma tneħħewx kif kien ġie deċiż. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ikkuntattja lil Daniel Tabone ta' Greenpak biex jitneħħew il-Bring in Sites ta' Triq Widnet il-Baħar. Minn naħa tiegħu Daniel Tabone ippropona sabiex jingħata aktar żmien qabel jitneħħew fejn minn naħa ta' Greenpak ser issir aktar sorveljanza tal-Bring in Sites u ser isir tbattil u anke tindif aktar spiss. Is-Sindku qed jiproponi ukoll jekk jistgħux isiru xi tip ta' Bring in Sites li jkunu magħluqin u b'hekk jitnaqsu l-abbużi. Ser jerġa' isir kuntatt ma' Greenpak sabiex tissolva din il-problema. Jekk il-problema ta' tfigħ ta' skart b'mod irresponsabbli tissokta l-Kunsill għal darb'oħra qabel li għandhom jitneħħew il-Bring in Sites ta' Triq Widnet il-Baħar.

**2.02** **Minuti 41 paġna 4 paragrafu 6:- Kontijiet -** Il-Kunsillier George Zammit staqsa kemm huwa l-ammont dwar il-pagament li għandu jsir lill-ARMS Ltd dwar il-leakage ta' ilma li sar fil-latrina pubblika ta' Triq il-Ħamrija. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ammont sħiħ huwa ta' €8282.06 u dan ser jitħallas permezz ta'

pagamenti ta' €565.17 fix-xahar kif ukoll tħallas l-ammont ta' €1500 fix-xahar ta' Ottubru.

2.03 **Minuti 43 paġna 2 paragrafu 4:- Bins għall-ħmieġ tal-Klieb** – Il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lill-Kunsill li minkejja li weħlu l-bins xorta għad ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb speċjalment fuq il-bankina tal-iskola. Il-Kunsilliera Attard qalet li anke il-Kap tal-iskola ġibditilha l-attenzjoni dwar dan. Il-Kunsillier Hubert Saliba ippropona li issir kampanja ta' edukazzjoni u anke jingħata inċentiv minn naħa tal-Kunsill fejn jistgħu jitqasmu boroż lis-sidien tal-klieb u b'hekk tkun qed tħeġġiġhom biex inaddfu wara jħamġu l-klieb tagħhom. Il-Kunsillier Saliba qal ukoll li jekk jibqa' ikun hemm il-ħmieġ tal-klieb li ma jitnaddafx mis-sidien għandu jkun hemm infurzar tal-liġi. Is-Sindku ippropona sabiex jingħata ftit żmien peress li l-bins għadhom kif twaħlu ftit tal-jiem ilu. Jekk jibqa' ma jkolnix koperazzjoni mis-sidien tal-klieb ikun importanti li tiġi eżerċitata l-liġi u jsir l-infurzar tagħha. Il-Kunsill qabel ukoll mal-proposta tal-Kunsillier Saliba u għalhekk se jsir studju ta' xi spejjeż tinvolvi u jekk ikun vijabbli l-Kunsill jara kif din tista' issir. Il-Kunsill qabel ukoll li nipruvaw insibu xi sponsor biex din l-inizjattiva tkun tista' issir. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna navżaw lill-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex jew lill-Aġenzija LESA sabiex jintbgħatu il-Gwardjani Lokali u jinfurzaw ukoll il-liġi dwar il-ħmieġ tal-klieb fl-inħawi fejn l-aktar li għandna ilmenti fosthom fi Triq Ħamrija, Triq Jean De La Vallette, ż-Żona Industrijali u fi Ġnien il-Ħaddiem. L-aktar ħinijiet li jkun hemm sidien bil-klieb tagħhom huma filgħodu bejn is-6.00am u s-7.00am u filgħaxija is-6.00pm u t-8.00pm.

## 3. Performance Bonus 2015

Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-Segretarja Eżekuttiva Sue-Ellen Bugeja għandha tieħu l-performance bonus sħiħ ta' 10% filwaqt li l-Assistant Prinċipal tieħu l-performance bonus sħiħ ta' 6%.

.

## 4. Rapporti Finanzjarji

L-Accountant tal-Kunsill Parker Randall Turner kien iltaqa' mas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku fejn ġew ippreżentati r-rapporti finanzjari għal-kwart Ottubru – Diċembru 2015 kif ukoll ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2015. Dawn id-dokumenti ġew diskussi u approvati mill-Kunsill unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2015 għad jistgħu jsiru l-aġġustamenti mill-udituri waqt il-proċess tal-awditjar.

## 5. Attivitajiet għall-Karnival 2016

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-preparamenti li qed isiru biex ikun jista' jiġi organizzat il-Karnival. L-attivita ser issir nhar il-Ħadd 7 ta' Frar mill-10.00am 'l quddiem. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jattendi għall-Konferenza organizzata mis-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo dwar l-iskema speċjali għall-attivitajiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill se jingħata l-ammont ta' €2000 għall-attivita tal-Karnival. Il-membri kollha tal-Kunsill huma mistennija li jattendu u jgħinu mill-aħjar li jistgħu sabiex din l-attivita tkun suċċess.

## 6. Offerta dwar tindif ta' toroq

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta dwar tindif ta' toroq kienet għalqet u għalhekk trid issir sejħa mill-ġdid għal dan is-servizz. Il-Kunsill irċieva korrispondenza ukoll mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kuntratti li jkunu skadew. Il-Kunsill ġedded l-offerta għal sitt xhur mal-kuntrattur Xewkija Tigers FC bl-istess speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa mill-ġdid għas-servizz ta' tindif tat-toroq.

## 7. Urban Greening

Kif kien mgħarraf fl-aħħar laqgħa l-lokalita tagħna ġiet magħżula sabiex tibbenefika mill-iskema ta' Urban Greening. Il-Kunsill se jingħata pjanti inkluż l-ispiża biex jitħawlu u anke għall-manutenzjoni li jkun hemm bżonn sa tlett snin wara. Is-Sindku qal li diġa ikkuntattja lill-Perit Joseph Stellini sabiex iħejji dokument għall-offerti u anke qed jikkuntattja uffiċċjali inkarigat mill-agrikoltura Oliver Bonello sabiex jatgħtina l-pariri dwar l-aħjar tip ta' siġar li għandhom jitħawlu. Saru proposti biex jitħawlu siġar fi Triq ta' Lambert, madwar il-korsa taż-żwiemel, madwar l-iskola primarja, fi Triq Mġarr (ħdejn Kappella Ta' Ħniena) u fil-Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill ser ikun qed jingħata sa massimu ta' €30,000.

## 8. Bulky Refuse

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien infurmat mid-Dipartiment għall-Indafa Pubblika li mhux ser ikomplu joffru dan is-servizz. Il-Kunsill ħareġ offerta għal xiri ta' trakk li jkun jista' jintuża għal dan il-għan. Is-Sindku ippropona sabiex sakemm ikolna t-trakk għandna inqabdu lil xi ħadd li għandu trakk u li jista' jagħti dan is-servizz lill-Kunsill. Huwa ssuġġerixxa lil Anthony Xuereb. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Il-Kunsill qabel ukoll li jħallas €6 għal kull servizz

## 9. Offerta - The Supply, installation, testing & Commissioning of the M& E services

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit kien tal-parir li l-offerta hija raġjonevoli u skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Din kienet l-uniku offerta li irċieva l-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta għandha tiġi aċċettata.

## 10. Devoluzzjoni tal-post biex iservi ta' Uffiċċju ġdid għall-Kunsill Lokali

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-proposta sabiex parti mill-post fi Triq Santa Katerina tal-kejl ta' ċirka 212 metru kwadri jiġi devolut lill-Kunsill Lokali Ix-Xewkija. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li dan il-post jinsab gia esproprjat mill-Gvern. L-iskop huwa li dan il-post jintuża biex isiru l-uffiċini l-ġodda tal-Kunsill Lokali biex b'hekk l-uffiċini jkunu f'post aktar ċentrali minn dak li huma illum. Dan biex il-Kunsill jkun jista' joffri servizzi aħjar lir-residenti. Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsill awtorizza li tintbagħat l-ittra bit-talba għad-devoluzzjoni lid-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku għandu jsegwi li tintbagħat din l-ittra u jagħmel il-follow-up neċessarju.

XEWKIJA

**11. Laqgħa Pubblika**

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika għandha issir nhar it-Tnejn 29 ta' Frar 2016 fit-3.00pm. Matul il-Laqgħa Pubblika se jiġu diskussi il-Budget 2016 u l-Business Plan 2016-2018 sabiex wara li jittieħdu inkonsiderazzjoni s-suġġerimenti tal-pubbliku dawn id-dokumenti jitresqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Peress li kien hawn bdil fil-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv ma kienx possibli li dawn id-dokumenti jitresqu aktar kmieni. Il-Kunsill qabel li nagħmlu avviżi sabiex ir-residenti ikunu infurmati b'din il-laqgħa u jattendu.

**12. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**

**12.01** Memo 1/2016 – Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) 2014.

**12.02** Memo 2/2016 – Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali.

**12.03** Memo 3/2016 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.

**12.04** Memo 4/2016 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2016-17.

**12.05** Memo 5/2016 – Depożitu jew Użu ta' Krejn jew Makkinarju ieħor.

**12.06** Ms Isabella Camilleri Aquilina infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-fondi mill-iskema speċjali dwar attivitajiet kulturali kienet ġiet aċċettata u għalhekk il-Kunsill ser ikun qed jingħata €2000. Il-Kunsill diġa iddiskuta din il-korrispondenza aktar kmieni waqt li kien qed jiddiskuti dwar l-attivita tal-Karnial li għaliha ser ikun qed jingħata dawn il-fondi speċjali.

**12.07** Dwar il-petizzjoni li l-Kunsill kien irċieva minn għand resident ta' Triq Torri Tingi biex isir storm water culvert meta ikun qed isir xogħol ta' tarmak fl-istess triq is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa għaddej b'kuntatti mal-Ministeru għal Għawdex sabiex isir dan il-water culvert. Is-Sindku qal li ix-xogħol f'din it-triq qed isir mill-Ministeru għal Għawdex u l-WSC u għalhekk se jaħdem sabiex jekk huwa possibbli l-storm water culvert isir minn naħa tal-Ministeru. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u qabel ukoll li jekk jintlaħaq ftehim biex isir il-water culvert u jkun hemm bżonn li jsiru xi xogħlijiet minn naħa tal-Kunsill dawn għandhom isiru u b'hekk tissolva l-problema ta' għarar f'din il-parti tat-triq.

**12.08** Cynthia Formosa mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilta u Anzjanita Attiva infurmat lill-Kunsill dwar iċ-Ċentru ta' Anzjanita Attiva li infetaħ fil-lokalita tagħna. Is-Segretarjat Parlamentari qed jitlob il-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex it-trasport ikun provdut mill-Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li għandu jattendi laqgħa ma' uffiċċjali tas-Segretarjat Parlamenti biex isir ftehim dwar dan. Kif ikolna aktar informazzjoni dwar dan is-servizz il-Kunsill jiġi infurmat immedjatament.

**12.09** Il-Kunsill irċieva talba minn għand Frank Pace biex issir lampa ġdida fl-inħawi ta' Triq Baqqari. Il-Kunsill qabel li għandu japplika biex din tkun tista' issir. Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa r-Reġjun ta' Għawdex għaddej b'diskussjoni dwar kif se tkun il-proċedura biex tiġi installata lampa ġdida. Dan għar-raġuni li meta l-lampi saru tal-LED fl-offerta li ħareġ ir-Reġjun ma kienx maħsub biex jiġu installati lampi ġodda u għalhekk la għandna prezzijiet u problema oħra hija li meta tiġi installata lampa ġdida din ma tkunx koperta fil-kuntratt ta' manutenzjoni tal-lampi. Għalhekk hemm diversi problemi li għad iridu jiġu solvuti qabel il-Kunsill ikun jista' jinstalla lampi ġodda. Il-Kunsill qabel li malli tissolva din il-problema nordnaw biex tiġi installata din il-lampa.

**12.10** Joseph Azzopardi li għandu farmhouse fi Triq it-Taflija talab biex teħel lampa ġdida peress li din il-parti tat-triq hija mudlama. Il-Kunsill qabel li tiġi ordnata biex tkun installata lampa ġdida meta tissolva l-problema imsemmija f'paragrafu numru 12.09.

**12.11** Anthony Grech ta' Triq Baqqari informa lill-Kunsill li minn meta saru l-lampi ġodda bl-LED parti mit-triq ġiet mudlama u għalhekk hemm bżonn li tkun installata lampa oħra. Is-Sindku informa lill-Kunsill li għaddejjin diskussjonijiet mal-Kumitat Reġjonali dwar problemi simili peress li tista' tgħid kull raħal għandu l-istess problema. Il-Kumitat Reġjonali qed jiġi mitlub sabiex isolvi dawn il-problemi li inqalgħu wara li inbidlu l-lampi għas-sistema l-ġdida tal-LED. F'każ li ma tinstabx soluzzjoni l-Kunsill qabel li jagħmel lampa ġdida. L-istess bħal lampi ġodda li għadhom kif ġew diskussi din tkun tista' tiġi installata meta tissolva l-problema imsemmija f'paragrafu numru 12.09.

**12.12** Donald Attard minn Marsalforn informa lill-Kunsill li fi ftit taż-żmien ieħor huwa ser jiġi joqgħod ix-Xewkija fl-inħawi ta' Ta' Ġokk. Peress li t-triq fejn ser ikun jogħqod għadha mingħajr isem huwa qed jitlob li tingħata isem ġdid. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex tingħata isem ġdid f'din it-triq ġdida.

**12.13** Mro Colin Attard informa lill-Kunsill li għal darb'oħra qed jiġi organizzat il-'Gaulitana - A Festival of Music'. Kif sar fi snin preċedenti l-Kunsill qabel unanimament li attivita minn dan il-festival issir fil-lokalita' tagħna. Ser isiru kuntatti biex jekk ikun possibbli din issir fil-Mużew tal-Iskultura fil-Knisja Rotunda.

**12.14** Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill, il-Ministeru Għal Għawdex u l-Enemalta dwar xogħlijiet li qed tagħmel l-Enemalta fi Triq Taflija u Triq Ħamrija. Is-Sindku qal li kellu ukoll laqgħat mal-Ministeru u l-Enemalta sabiex ma issirx ħsara lit-triq u fejn issir it-trinka din terġa' tinkesa bit-tarmak mhux biss it-trinka imma parti akbar u b'hekk it-triq tkun aktar aċċessibbli.

**12.15** Ray Abela ta' TCTC informa lill-Kunsilli dwar korsijiet li ser ikunu organizzati ma' Għawdex kollu. Huwa qed jitlob li jsir ħlas minn kull Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan is-suġġett ser ikun diskuss waqt laqgħa tar-Reġjun ta' Għawdex u għalhekk kif ikollu aktar dettalji jinforma lill-Kunsill dwarhom.

**12.16** Vincent De Bono informa lill-Kunsill li għadu kif ippubblika kotba dwar esperjenzi paranormali. Il-Kunsill qabel li nixtru ħames settijiet minn dawn il-kotba. Sett mill-kotba se jitpoġġa fil-librerija lokali.

**12.17** Karm Farrugia ta' Triq Santa Katerina bagħat ritratti dwar ħsara li saret fil-gallerija tal-post tiegħu. Is-Sindku informa lill-Kunsill li f'din t-triq diġa hemm tabelli li trakkijiet ma jistgħux jgħaddu ħlief biex jagħtu servizz. Is-Sindku qal ukoll li hemm sinjali sofor (double yellow lines) li ma tantx għadhom jidhru u għalhekk diġa ordna biex dawn jerġgħu jinżebgħu. Is-Sinkdu qal li huwa spjega lil Karm Farrugia li minn naħa tal-Kunsill ittieħdu l-passi kollha possibbli u għalhekk importanti li jsir l-infurzar tal-liġi u minn jinqabad jikser ir-regolamenti tat-traffiku għandu jiġi rapportat lill-Pulizija biex jieħdu l-passi minn naħa tagħhom.

**13. <u>Materja oħra</u>**

**13.01** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar il-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan il-proġett għadu fil-bidu tal-proċess. Bħalissa qed isiru diskussjonijiet flimkien mal-Ministeru Għal Għawdex sabiex isiru pjanti u applikazzjoni għall-permessi meħtieġa. Sintendi qabel ma issir xi applikazzjoni il-Kunsill ikun infurmat biex minn naħa tiegħu jgħaddi s-suġġeriment tiegħu. B'hekk il-Kunsill kif ikollu dawn il-pjanti u joħorġu applikazzjonijiet għall-fondi kemm nazzjonali kif ukoll tal-EU, il-Kunsill ikun jista' japplika għalihom u l-proġett ikun jista' jitwettaq.

**13.02** Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar xi xogħlijiet li qed isiru mill-Ministeru Għal Għawdex fil-post il-ġdid li ser ikun l-uffiċċju tal-Kunsill.

**13.03** Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet ta' sistema tad-dwal fil-playing field tal-Barmil qed isiru b'koperazzjoni mal-Ministeru Għal Għawdex.

**13.04** Il-Kunsillier Domenic Zerafa ippropona li ssir road hump fl-isqaq ta' Triq Eħbiel peress li vetturi qed jidħlu fl-isqaq b'veloċita eċċessiva u jkunu ta' periklu. Il-Kunsill qabel li issir l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

**13.05** Il-Kunsillier Domenic Zerafa ippropona li teħel mera tat-traffiku fi Triq Ħamrija kantuniera ma' Triq San Ġwann (n-naħa tar-Rabat) peress li hemm kantuniera perikoluża. Il-Kunsill qabel li napplikaw ma' Transport Malta sabiex din tkun tista' issir.

**13.06** Il-Kunsillier George Zammit staqsa x'sar mill-proposti tat-traffiku fi Triq Ħamrija kantuniera ma' Triq Ċanga u anke ma' Triq Għajn Qatet, Triq it-Taflija u Triq Sannat. Is-Sindku se jiċċekkja ma' Transport Malta biex jara x'sar minn dawn il-proposti tat-traffiku.

**13.07** Il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lill-Kunsill li l-Kap tal-Iskola Primarja talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex tiġi organizzata attivita għat-tfal fi żmien il-Karnival. Il-Kunsill qabel li għandna nikkoperaw biex issir din l-attivita.

XEWKIJA

**14. <u>Kontijiet</u>**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher fl-iskeda nru 7-44 li qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**15. <u>Tmiem il-Laqgħa</u>**

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tnejn 29 ta' Frar, 2016 fl-4.00p.m. Il-laqgħa tal-lum intemmet fis-6.30p.m.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Paul Azzopardi |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |